**Kunsill Lokali Paola**

Ref: 41/6/194/14

**Minuti tal-Laqgħa Nru. 41**

Il-Kunsill iltaqa’ fl-uffiċini amministrattivi, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 30 ta' Settembru. Il-laqgħa bdiet fis-5.45pm. Għal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku Roderick Spiteri, il-Viċi Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Steven Axisa, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, il-Kunsilliera Rita Delezio, il-Kunsillier Tyrone Muscat, il-Kunsillier Renald Dalli u l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Neil Joseph Tirchett.

Kien hemm preżenti wkoll is-Segretarju Eżekuttiv Kurt Scerri.

## 1. Minuti tal-Laqgħa Nru. 40 tas-Sitt Leġislatura

1.1. Il-Minuti ġew approvati *nem con.*

1.2. Dwar punt 2.3 is-Segretarju xtaq isemmi li iltaqa’ mal-kumpanija li tissupplixxi apparat għal-kontra l-ħamiem u qed nistennew risposta mingħandhom dwar kif tista’ tissolva din il-problema.

1.3. Dwar punt numru 7.1 is-Segretarju qal li waslu biss żewġ ittri marbuta mal-kolletturi ta’ l-iskart tal-bars, restoranti u *take-aways*. Għalhekk il-membri qablu li għanda tintbagħat ittra bl-Avukat li t’informahom li mill-1 ta’ Novembru l-iskart tagħhom mhux ser jinġabar aktar mill-Kunsill Lokali. Is-sindku qali li wara l-1 ta’ Novembru ser jintbagħat *warden* sabiex jissorvelja din il-problema. Il-Kunsillier Lynch qal li għanda tintbagħat ukoll ittra lir-residenti sabiex huma wkoll ikunu infurmati dwar din id-deċiżjoni tal-Kunsill.

1.4. Il-Viċi Sindku qal li għanda tintbagħat ittra wkoll lil ħwienet l-oħra sabiex il-kartun jinħareġ f’12.00pm. Is-Segretarju żied li grazzi għal-GreenPak ser jintbagħat *flyer* fid-djar u l-ħwienet kollha ta’ Raħal Ġdid li jinfurmom dwar il-ġranet u l-ħinijiet li fihom jinġabar l-iskart.

1.5. Is-Sindku irrimarka li komplew jaslu ilmenti marbuta ma’ skart u storbju relatati mat-*Taboo Bar* u qal li anke tkellem mal-Kummissarju tal-Pulizija dwar din il-problema. Wara diskussjoni bejn il-membri ġie deċiż li tintbagħat ittra bl-avukat lil Ministru Mallia dwar din il-problema.

## 2. Korrispondenza

2.1. Ittra mibgħuta mingħand il-Kappillan Dun Vinċenz dwar Quddiesa ta' Radd il-Ħajr li ser issir fil-11 ta' Ottubru bħala ringrazzjament lil Alla, fit-tmiem tas-servizz tiegħu bħala Kappillan tal-Parroċċa Kristu Re. Il-membri talbu lis-Segretarju sabiex jibgħat ittra ta' ringrazzjament lil Kappillan.

2.2. Ittra mibgħuta mill-Għaqda Soċjali u Mużikali Kristu Sultan Banda Paola sabiex isir tagħlim ta' mużika lit-tfal minn 5 snin il-fuq fil-Kunsill l-antik kull nhar ta' Sibt minħabba nuqqas ta' spazju fil-Każin tagħhom. Il-membri qablu li joffru l-ispazju fil-Kunsill l-antik li però dan l-ispazju jista' jintalab lura mill-Kunsill Lokali meta jkun hemm bżonn. Il-Kunsilliera Delezio fakkret lil membri illi fl-14 u 16 ta' Ottubru ser isiru korsijiet tal-*Food Handling* ta' l-ETC fil-Kunsill Lokali.

2.3. Ittra mibgħuta mis-Sur Vince Carabott li qed jitlob *no objection* sabiex jestendi il-bankina quddiem il-ħanut tiegħu *Relax Snack* Bar f'Paola Hill. Hawnhekk il-Kunsillier Axisa xtaq ifakkar illi huwa kien kontra li l-ħanut l-ieħor f'din l-istess triq ingħata *no objection* biex issir pletform mill-Kunsill abbażi tad-deċiżjoni ta' Transport Malta u l-parir ta' l-Avukat tal-Kunsill. Il-Kunsillier Axisa kompla billi qal li daqs kemm jafu il-lokal il-membri tal-Kunsill ma jafux Transport Malta u l-Avukat tal-Kunsill; però kompla billi qal għalkemm hu ma jaqbilx ma din il-proposta, jekk il-Kunsill ta' *no objection* lil wieħed ma jistax ma jagħtix *no objection* lil ieħor. Il-membri qablu li bħal ma' ġara fil-każ l-ieħor talba bħal din għanda titħalla f'idejn Transport Malta. U fuq il-każ l-ieħor marbut mas-Sur Francis Stabile il-Kunsill intalab jiċċekkja jekk il-permess ingħatax għall-pletform fissa jew mobbli.

2.4. Il-Kunsillier Axisa qal li kellmuh residenti li qed jissuġġerixxu li isir Bus Stop mar-round about ta' Sare fil-parti fejn ikun hemm xi bejjiegħa tal-fjuri. Il-membri qablu li dan is-suġġeriment għandu jintbagħat lil Transport Malta.

2.5. Il-Kunsillier Tyrone Muscat telaq mil-laqgħa fis-6.05pm.

2.6. Ittra marbuta mal-proġett Ewropew LEAP fejn ir-residenti tal-faċilita korrettiva ta' Kordin li qed jagħmlu xogħol mal-Kunsill Lokali Paola (Jason Cassar u Nazzareno Micallef) ser ikunu qed jieħdu għajnuna finanzjarja u support marbut ma' impjieg fil-futur, taħt dan il-proġett. Il-membri qablu.

2.7. Ittra marbuta mill-Wasteserv dwar il-*European Week for Waste Reduction* fejn qed jinfurmaw lil Kunsill dwar kompetizzjoni ta' ideat/inizjattivi li jwasslu għan-nuqqas ta' ġenerazzjoni ta' l-iskart. Is-Sindku qal li dwar il-punt ta' l-iskart għandu wkoll jitwaqqaf working group li jkun iffukat fuq dan is-suġġett. Il-Kunsillier Axisa qal li jista' anke isir Work Shop dwar dan is-suġġett ma' l-impjegati tal-Kunsill Lokali.

## *3. Move Week*

3.1. Il-Kunsillier Axisa informa lil mejda li kien għamel diversi tentattivi sabiex ikellem lis-Sur Mark Cutajar responsabbli mill-KMS u mill-Move Week u sfortunatament ma rnexxielux jagħmel kuntatt. Huwa żied li kellmitu is-Segretarja tas-Sur Cutajar u infurmatu li konna tard u l-programm kien magħluq. Apparti minn hekk hemm previżjonijiet li t-temp ser ikun wieħed ħażin u għalhekk kien hemm qbil bejn il-membri li attività simili tiġi organizzata lejn il-25 ta' Novembru wara li niċċekjaw jekk il-parroċċa u/jew il-baned tal-lokal jkollhomx attivitajiet marbuta mal-festa ta' Kristu Re.

3.2. Is-Sindku fakkar li s-Sibt 4 ta' Ottubru filgħodu. bħala parti mill-*Move Week* ser isiru sessjonijiet ta' żfin u *fitness* bil-Kollaborazzjoni tal-*Malta Dance Sport Association* fil-pjazza viċin tal-poliklinika.

3.3. Il-Viċi Sindku telaq mil-laqgħa fis-6.20pm.

## 4. Ħaddiema tal-Kunsill Lokali

4.1. Is-Segretarju informa lil mejda illi xtaq jiċċara mal-membri tal-Kunsill Lokali illi is-Sibtijiet jagħmlu parti mill-40 siegħa tax-xogħol illi l-ħaddiema tal-Kunsill huma mistennija li jagħmlu fil-ġimgħa.

4.2. Is-Segretarju informa lil mejda li l-ħaddiema tal-ETC suppost jagħmlu 30 siegħa ta' xogħol fil-ġimgħa filwaqt li dawk ta' l-IPSL suppost jaħdmu mis-7.00am sat-3.00pm. Huwa importani wkoll li l-ħaddiema tal-Kunsill ikunu f'posthom fis-7.30am billi l-uffiċji tal-Kunsill jiftħu f'dan il-ħin. Sabiex is-sistema topera aħjar kien hemm qbil bejn il-membri kollha tal-Kunsill Lokali Paola sabiex jiddaħħal *punch clock* għall-impjegati kollha tal-Kunsill Lokali.

4.3. Il-Kunsillier Steven Axisa telaq mil-laqgħa fis-6.35pm.

5. **Suq**

5.1. Is-Sindku informa lil mejda illi kien inqala disgwit bejn żewġ bejjiegħa li jarmaw fis-Suq ta' Raħal Ġdid minħabba il-posti tagħhom. Is-Sindku żied illi ser issir laqgħa mal-Ministeru konċernat sabiex dan is-suq jiġi organizzat b'mod aħjar. Il-Kunsill qabel illi is-Suq jiġi regolarizzat u jsiru l-kaxxi li hemm bżonn isiru.

6. **Ħwejjeġ Oħra**

6.1. Is-Sindku irrimarka li wara li saru il-One Ways f'parti waħda ta' Raħal Ġdid issa mistennija isiru il-One Ways fi Triq Nazzarenu, Ċimiterju u Xewk. Dan wara il-parit ta' Transport Malta li saħqet li l-introduzzjoni tal-one ways issir fażi-fażi. Il-membri qablu li għanda tintbagħat ittra dwar dan lir-residenti tal-madwar.

6.2. L-ambaxxatur taż-Żgħażagħ Neil J. Tirchett qal illi huwa kien attenda għal-laqgħa ta' konsultazzjoni illi sargħet mill-Gvern dwar il-proposta li l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali tas-sena 2015 jiġu posposti.

7. **Approvazzjoni ta' l-iskeda tal-Pagamenti**

7.1. Il-Kunsill Lokali approva l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 41 għas-somma ta' €53,289.28.

8. **Aġġornament**

8.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6.45pm u ġiet aġġornata ____________________ 2014.

Approvati llum __________________2014.

Kurt Scerri
Segretarju Eżekuttiv

Roderick Spiteri
Sindku